MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2006

Numru 949/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin J. Farrugia**
**V**

**JOHN BORG**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **JOHN BORG** ta' wiehed w ghoxrin sena bin Grazio u Vincenza nee Zahra imwieled Pieta nhar s-sbatax ta' Mejju 1974 u residenti Block A3, Flat 5, Qasam Bini tal-Gvern, H'Attard, detentur tal-karta tal-identita numru 244174M gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar t-tlieta ta' Lulju 2005 gewwa l-limiti tat-Trade Fair Grounds, fin-Naxxar u f'inhawi ohra f'Malta:

1. Ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta' ufficjal pubbliku PC 18 Christian Mifsud hekk kif iccertifika Doctor Neville Aquilina MD tac-Centru tas-Sahha tal-Mosta;

2. Talli attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku u cioe kontra PC 18 Christian Mifsud waqt li kien qed jagixxi ghal esekuzzjoni tal-ligi;

3. Talli ngurja jew hedded persuna ta' whud inkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi, fl-esekuzzjoni ta' dan s-servizz u cioe fuq PC 18 Christian Mifsud;

4. Talli bil-hsieb li jtellef jew inaqqas l-gieh ta' PC 18 Christian Mifsud, wegghu bi kliem, b'gesti jew b'mod iehor.
Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovi ghas-sigurta ta' l-persuna ta' PC 18 Christian Mifsud bil-kundizzjonijiet li jidrilha xieraq ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat sebgha w ghoxrin ta' Settembru 2005 [fol 5] immarkat bhala dokument CSH sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din l-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u dan kif jirrizulta mill-ezami tal-imputat ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-erbatax ta' Novembru 2005 [fol 11].

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni, lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju u l-provi tad-difiza.

Ikkunsidrat;
Illi nhar l-erbatax ta' Novembru 2005, **xehed l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Kevin Farrugia** [fol 12] u spjega li nhar t-tlieta ta' Lulju 2005 huwa kellu rapport minghand

PC 18 Christian Mifsud li dakinhar huwa kien stazzjonat gewwa t-Trade Fair Grounds n-Naxxar, kif wkoll fl-ekwati sabiex jikkontrolla t-traffiku. Qal li f'xi hin resaq hdejh mutur u certu Daniel Simon Haber. Zied jghid li dan PC 18 Christian Mifsud qallu li huwa kien ordna lil imputat u lil siehbu sabiex ma jghaddux minn certu triq izda huma nsistew mieghu li kellhom jibqghu ghaddejjin. Dak il-hin inqalghet xi kommozzjoni u l-imputat spicca tah daqqa f'wiccu. PC 18 Christian Mifsud mar c-Centru tas-Sahha u Doctor N. Aquilina rrilaxxjalu certifikat mediku li huwa esibixxa bhala dokument KF [fol 15].

Ix-xhud kompla jghid li huwa baghat ghal imputat u dan kien innega li nqala l-incident, ghalkemm ammetta li ghadda minn hemm bil-mutur tieghu bin-numru ta' registrazzjoni DBG 715. L-imputat irrilaxxja stqarrija li giet immarkata bhala dokument KF 1 [fol 16].

**PC 18 Christian Mifsud xehed** nhar l-erbatax ta' Novembru 2005 [fol 18] fejn spjega li huwa kien *fixed point* go triq bla isem kantuniera ma Triq t-Torri tal-Kaptan u dan sabiex ma jhalli ebda tip ta' traffiku jitla lejn t-Trade Fair. Elabora u qal li ghal habta tas-sitta ta' filghaxija resqu lejh zewg persuni fuq mutur u qalilhom li ma setghux jghaddu ghaliex t-traffiku kien maghluq. Is-sewwieq insista mieghu li ried jghaddi ghaliex qalllu li kellu bzonn il-vettura *near by*. Hin minnhom l-imputat beda jkellmu hazin u jghamillu gesti oxxeni b'idejh. Huwa talbu l-partikolaritajiet tieghu u dan irrifjuta li jghaddihomlu u fil-fatt heddu li kien ser jaghtih daqqiet bil-*crash helmet*. F'hin minnhom l-imputat tah daqqa b'idejh u spicca mar il-poliklinika w ghamel r-rapport relattiv lis-superjuri tieghu dwar dak li kien gara.

**Gordon Schembri xehed** nhar l-erbatax ta' Novembru 2005 [fol 21] u qal li dakinhar tal-incident u cioe nhar t-tlieta ta' Lulju 2005, huwa kien qed jistenna lil mara gejja n-Naxxar. F'xi hin sema xi argument bejn l-pulizija u xi nies pajzana. Ghalkemm ghal ewwel ma tax kaz, wara gholew l-vucijiet u hu hares u ra li kien hemm mutur b'zewg minn nies riekba fuqu u waqt l-argument nizel passiggier pero ma kienx f'posizzjoni jaghraf li dan il-

passiggier. Il-mutur baqa sejjer. Jaf li l-pulizija spicca ixxukkjat wara l-incident ghalkemm ma setghax jghid jekk l-pulizija spiccax b'xi feriti.

**PC 226 Paul Bonanno xehed** nhar t-tmintax ta' Jannar 2006 [fol 28] u esibixxa l-okkorrenza relativa ma dan l-incident li giet mmarkata bhala dokument PS [fol 30]. Minn ezami ta' din l-okkorrenza jirrizulta li l-istess PC 18 Christian Mifsud qala daqqa minghand passiggier li kien rikeb mutur.

PS 226 Paul Bonanno tkellem mal-imputat u dan qallu li kien l-pulizija li kien aggressiv mieghu meta qallu li kien ser jipparkja fil-vicin. Ammetta mieghu li ma riedtx jaghti l-partikolaritajiet tieghu lil pulizija ghaliex fil-fehma tieghu ma kien ghamel xejn hazin. Cahad li ta daqqa ta' ponn lil PC 18 Christian Mifsud ghalkemm ammetta li kien imbuttah lil hinn meta dan l-pulizija resaq lejh. Qal wkoll li Daniel Simon Haber ma ftakarx jekk il-pulizija staqsih ghal xi partikolaritajiet u stqarr li meta l-pulizija PC 18 Christian Mifsud allegatament gie aggredit, huwa ma kienx hemmhekk.

**Damien Scerri xehed** nhar t-tmintax ta' Jannar 2006 [fol 32] u qal li huwa jahdem bhala *finance manager* t-Trade Fair u jiehu hsieb l-assi finanzjarji w affarijiet ohra bhal hrug ta' permessi tat-Trade Fair. Huwa kkonferma li nhar l-ghoxrin ta' Gunju 2005 huwa kien esibixxa l-permess esibit fl-atti mmarkat bhala dokument PS 1 [fol 34] f'isem Daniel Simon Haber u dan sabiex jibqa jidhol bil-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni KBD 256 jew THE 600 peress li l-bar u restaurant tal-fiera huwa mikri lilu.

In kontro ezami nhar t-tmienja ta' Mejju 2006, ix-xhud jikkollobora dak kollu li kien qal l-imputat, izda zied jghid li huwa dejjem jidhol fil-*grounds* tat-Trade Fair bil-karozzi ghaliex ghandu permessi salv ghal dik l-okkazzjoni.

**Doctor Neville Aquilina xehed** nhar l-ghoxrin ta' Marzu 2006 [fol 38] w ikkonferma li Christian Mifsud nhar t-tlieta ta' Lulju 2005, gie nvistat minnu u sab li kellu griehi ta' natura hafifa, griehi vizibbli ma rax izda qal li Christian

Mifsud kellu ugiegh f'wiccu. Tbengil ma kellux u l-funzjonijiet ta' wiccu kienu kollha regolari.

**L-imputat John Borg xehed** minn jeddu b'mod voluntarju nhar s-sitta w ghoxrin ta' April 2006 [fol 42]. Spjega li dakinhar tal-incident huwa kien fil-kumpanija ta' habib tieghu Daniel Simon u xtaqu jghaddu lejn t-Trade Fair n-Naxxar. Qal li kienu rekbin il-mutur tieghu pero kien qed isuqu Daniel Simon. Meta gew biex jghaddu, kien hemm *barrier* u maghha kien hemm pulizija. Daniel Simon staqsih biex jghaddu ghaliex kellhom il-permess pero l-pulizija qalilhom biex imorru minn quddiemu ghaliex ma kellux aptithom. Huwa dak l-hin dar fuq Daniel Simon u qallu biex jipparkjjaw hemm u jmorru bil-mixi pero l-pulizija ma ridtx. Huwa ghalhekk nizel minn fuq il-mutur u qal lil Daniel Simon biex imur jiehu dawra u huwa jmur lejn t-Trade Fair bil-pass.

Dak l-hin l-pulizija ghajjatlu u talbu l-partikolaritajiet tieghu pero qallu li lilu ma kienx kellmu. Zied jghid li l-pulizija mbuttah ma karozza u qallu biex ma jimbuttahx. Huwa cahad li f'xi hin gie fl-idejn ma xi ufficjal tal-pulizija. Mistoqsi ghaliex ma tax ismu lil pulizija, l-imputat wiegeb, li ma hassx li kellu jaghtih ismu, peress li lilu ma kienx kellmu. Anke fl-istqarrija li hu rrilaxxja nhar d-disgha ta' Lulju 2005, l-imputat jichad li gie fl-idejn ma PC 18 Christian Mifsud u li lil dan il-pulizija ma kellmux w ghalhekk ma hassx li kellu jaghtih l-partikolaritajiet tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi dwar l-ewwel akkuza u cioe li l-imputat ikkaguna ferita hafifa fuq il-persuna ta' lil PC 18 Christian Mifsud, il-Qorti ma thossx li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova din l-akkuza. Illi ghalkemm il-vittma lil PC 18 Christian Mifsud jghid li l-imputat tah daqqa b'idejh, il-Qorti mhux konvinta li dan effettivament sehh fl-ewwel lok ghaliex Doctor Neville Aquilina ma ra ebda ferita vizibbli f'wicc lil PC 18 Christian Mifsud, nonostante li qal li qala daqqa, u fit-tieni lok ghaliex kemm l-imputat kif wkoll Daniel Simon Haber jichad li sar xi kuntatt mal-ufficjal. Meta x-xhud indipendenti, izda okulari, Gordon Schembri xehed u gie

mistoqsi jekk rax xi feriti, huwa rrisponda li ma ra ebda feriti f'wicc lil PC 18 Christian Mifsud w ghalhekk fid-dawl tal-istess provi fuq riferuti, il-Qorti ma ssibx lil imputat hati ta' din l-ewwel akkuza u tilliberah minnha.

Naturalment isegwi ghalhekk, li lanqas t-tieni akkuza ma tirrizulta w ghalhekk il-Qorti tillibera lil imputat minn din t-tieni akkuza wkoll.

Dwar t-tielet w ir-raba akkuza, u cioe li l-imputat hedded jew ingurja ufficjal pubbliku, jew wegghu bi kliem, b'gesti jew b'mod iehor, il-Qorti ma thossx li dawn gew ppruvati lanqas.

Huwa minnu li setghu jirrizultaw akkuzi ohra bhal kontravenzjonijiet ta' ksur tal-paci pubblika [artikolu 338(dd)] u li naqas li jaghti taghrif dwar il-partikolaritajiet tieghu lil ufficjal pubbliku [artikolu 338(b)] u nuqqas t'ubbidjenza lejn l-ordnijiet legittimi lil awtorita jew lil wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku [artikolu 338(ee)], pero peress li l-imputat ma giex akkuzat bihom, il-Qorti ma tistax tqis dawn l-istess reati fil-konfront tal-imputat.

Illi ghalhekk, **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 221(1), 95, 96 u 252(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ma ssibx lill-imputat JOHN BORG hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull akkuza.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------